PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/0279(COD)

13.6.2007

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), fir-rigward ta' l-eżerċizzju ta' implimentazzjoni tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni
(COM(2006)0904 – C6-0015/2007 – 2006/0279(COD))

Kumitat ghal-Libertajiet Civili, il-Gustizzja u l-Intern

Rapporteur: Michael Cashman

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 11

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), fir-rigward ta' l-eżerċizzju ta' implimentazzjoni tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni
(COM(2006)0904 – C6-0015/2007 – 2006/0279(COD))

(Procedura ta' kodecizjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0904),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 62(1) u 2(a) tat-Trattat KE, skond liema l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6 0015/2007),

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 li temenda d-Deċiżjoni 1999/468/KE li tistabbilixxi l-proċeduri għat-tħaddim tal-poteri ta' implimentazzjoni mgħoddija lill-Kummissjoni[1],

– wara li kkunsidra r-Regola 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda 1
PREMESSA 3

(1) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, atti ***li huma*** diġà fis-seħħ	(1) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, ***sabiex din il-proċedura l-***

[1] GU L 200, 22.7.2006, p. 11.

għandhom ikunu adottati skond il-proċeduri applikabbli. Id-dikjarazzjoni tindika lista ta' atti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 562/2006.	***ġdida tkun applikabbli għal*** atti li huma diġà fis-seħħ ***u li kienu ġew adottati b'konformità mal-proċedura skond l-Artikolu 251 tat-Trattat, dawn għandhom*** ikunu adottati skond il-proċeduri applikabbli. Id-dikjarazzjoni tindika lista ta' atti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 562/2006.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tqiegħed fl-istess linja t-test tal-premessa mat-test tad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2006.

Emenda 2
PREMESSA 4

(4) ***B'mod partikolari għandha tingħata s-setgħa*** lill-Kummissjoni li ***tadatta*** ċerti modalitajiet prattiċi tal-***kontroll*** fil-fruntieri u li temenda ċerti annessi. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u ***għandhom l-għan*** li jemendaw jew li jħassru elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 billi jżidu elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE.	(4) ***Il***-Kummissjoni ***għandha tkun awtorizzata*** li tadotta ċerti modalitajiet prattiċi *tas*-***sorveljanza*** fil-fruntieri u li temenda ċerti annessi. Peress li dawn il-miżuri huma ta' ambitu ġenerali u ***huma mfassla*** *biex* jemendaw jew li jħassru elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 billi jżidu elementi mhux essenzjali ġodda, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 5(a) tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib din il-premessa fl-istess linja mal-formuli tal-mudell li t-tliet istituzzjonijiet qablu dwaru.

Emenda 3
PREMESSA 6 A (ġdida)

	(6a) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni

Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Minħabba li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tal- Protokoll imsemmi, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn wara d-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib il-premessi ta' dan ir-Regolament fl-istess linja ma' dawk tar-Regolament oriġinali (Regolament Nru 562/2006 - premessa 22).

Emenda 4
PREMESSA 6 B (ġdida)

(6b) Fir-rigward ta' l-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen skond it-tifsira tal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja fir-rigward ta' l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen[1], li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999[2] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

---

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib il-premessi ta' dan ir-Regolament fl-istess linja ma' dawk tar-Regolament oriġinali (Regolament Nru 562/2006 - premessa 23).

Emenda 5
PREMESSA 6 C (ġdida)

(6c) Fir-rigward ta' l-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fi ħdan it-tifsira tal-Ftehim iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen li jaqgħu fl-ambitu tal-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE meħud flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE[1] and 2004/860/KE[2].

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/849/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provižorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE tal-25 ta' Ottubru 2004 dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni provižorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehima bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera, dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (ĠU L 370, 17.12.2004, p.78).

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib il-premessi ta' dan ir-Regolament fl-istess linja ma' dawk tar-Regolament oriġinali (Regolament Nru 562/2006 - premessa 25).

Emenda 6
PREMESSA 6 D (ġdida)

(25) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fejn ir-Renju Unit ma jieħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tat-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq biex jieħu sehem f'ċerti dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen[1] , u d-Deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill 2994/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul fis-seħħ ta'partijiet mill-acquis ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq[1]. Għalhekk ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhux marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

---

[1] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

[1] ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib din il-premessa ta' dan ir-Regolament fl-istess linja ma' dawk tar-Regolament oriġinali (Regolament Nru 562/2006 - premessa 27).

Emenda 7
PREMESSA 6 E (ġdida)

Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fejn l-Irlanda ma tiħux sehem, b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen[1]. L-Irlanda għalhekk mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih jew

soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

---

[1] ***ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib il-premessi ta' dan ir-Regolament fl-istess linja ma' dawk tar-Regolament oriġinali (Regolament Nru 562/2006 - premessa 28).

Emenda 8
ARTIKOLU 1, PUNT 1
Artikolu 12, paragrafu 5 (Regolament 2006/562/KE)

"5. ***Il-miżuri rigward ir-regoli addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza huma adottati*** mill-Kummissjoni. Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(2)."	"5. Il-Kummissjoni ***tista' tadotta regoli addizzjonali li jirregolaw is-sorveljanza***. Dawn il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 33(2)."

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li terġa' ddaħħal it-test tar-Regolament oriġinali.

Emenda 9
ARTIKOLU 2, PARAGRAFU 2

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri ***kollha***.	Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri, ***skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea***.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda teknika għandha l-ħsieb li ġġib it-test fl-istess linja ma' dak tar-Regolament oriġinali.

NOTA SPJEGATTIVA

Fis-17 ta' Lulju 2006, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 1999/468/KE li tistipula l-proċeduri għall-eżerċitar ta' l-implimentazzjoni tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni (Deċiżjoni tal-komitoloġija), wara snin ta' negozjati bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew.

Din id-Deċiżjoni introduċiet proċedura tal-komitoloġija ġdida, imsejħa 'proċedura regolatorja bi skrutinju' (Artikolu 5a) li se tiġi applikata għall-adozzjoni ta' miżuri ta' skop ġenerali biex jiġu emendati l-elementi mhux essenzjali ta' strument li jkun adottat b'konformità tal-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Fuq il-bażi ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni elenkat 25 strument li diġà huma adottati, li għandhom ikunu adottati għall-proċedura l-ġdida, li waħda minnhom huwa r-Regolament Nru 526/2006 (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen).

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li temenda dan ir-Regolament sabiex tintroduċi proċedura ġdida minflok il-proċedura regolatorja li kienet inkluża f'dan ir-Regolament.

Ir-Rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, huwa qiegħed jipproponi xi emendi tekniċi sabiex iqis l-ispeċifiċità tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen: peress li dan jikkostitwixxi żvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, jeħtieġ li jiġu introdotti xi dispożizzjonijiet speċjali, notevolment fir-rigward ta' l-Istati Membri li jkun japplika fihom.